DIRETTORAT GĦAL
KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR
QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION
FLORIANA VLT 2000
MALTA

# Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku

**Tel: 2598 2449 / 2598 2478 / 2598 2480** **Indirizz Elettroniku : dcmel@gov.mt**

## ĊIRKULARI

**Informazzjoni:** X **Data:** 8 ta' Mejju 2013

**Azzjoni:** X **Ref:** CMeLD 154/2013

**Lill-:** Prinċipali, Kapijiet, Assistenti Kapijiet, Għalliema tal-Primarja u tas-Sekondarja tal-Iskejjel tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti, u Sezzjonijiet

**Minn:** David Agius-Muscat, George Mifsud, David Muscat (Uffiċjali Edukattivi tal-Malti)

**Suġġett:** Taħdita: Il-vokali 'i' fi kliem Rumanz: etimoloġika jew tal-leħen?

---

Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku flimkien mal-Akkademja tal-Malti se jtellgħu taħdita fuq l-ortografija tal-Malti. Din se tittratta l-vokali 'i' fil-kliem Rumanz fil-Malti. Tista' taqra aktar fuq dan is-suġġett mit-tagħrifa mehmuża.

It-taħdita se ssir fil-21 ta' Mejju 2013 mill-5.00 sas-6.00 ta' filgħaxija fiċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu (NCC), il-Ħamrun, u se tingħata mis-Sur Reno Fenech.

Reno Fenech huwa riċerkatur tal-Malti. It-teżi tal-ewwel grad tiegħu hija *Damma ta' Kliem Malti Mxerred f'Dokumenti Qosra* u t-teżi tal-M.A. għamilha fuq *Prietki Qodma bil-Malti*. Huwa wkoll membru fil-kunsill tal-Akkademja tal-Malti. Editja pubblikazzjonijiet bil-Malti.

Inħeġġeġ lill-edukaturi kollha, b'mod speċjali l-għalliema tal-Malti, jattendu għat-taħdita.

L-attendenza hija volontarja u bla ħlas.

Tagħrif ieħor u riżorsi fuq il-lingwa Maltija jistgħu jinkisbu minn dawn is-siti:

- http://malti.skola.edu.mt
- www.akkademjatalmalti.com

Grazzi,

**Sandro Spiteri**
**Direttur tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku**